MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 466/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**
**Vs**
**Carmel Galea**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 t'Awissu, 2009 u fix-xhur ta' qabel fl-Ghemieri l/o Rabat b'xi hsieb li jezercitaw jedd li jipretendu li ghandhom, u dan billi ghalqu u inblokkaw spiera li tinsab fi propjeta' imqabbla ghand il-kwerelant, kif ukoll ghalqu l-entratura ta' mina li taghti ghal din l-ispiera w dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll bi

pregudizzju tal-kwerelat u dan bi ksur ta’ l-artikolu 340d tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Dicembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 85, 340(d), 377 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ddikjarat li sabet lill-appellant Carmel Galea hati tal-akkuzi kif dedotta fil-konfront tieghu w iddecidiet li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitt Euro (€100).
Ai termini tal-artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat li fi zmien hmistax (15) il-jum l-appellant ghandu jipprestina s-sitwazzjoni ghal li kienet billi jnehhi l-kancell u li fin-nuqqas jehel penali ta’ ghoxrin Euro (€20) kuljum.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni dedotta w tilliberah skond il-ligi. Minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza fil-parti tal-piena billi tigi mposta sanzjoni aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti waslet ghas-sejbien ta’ htija fuq l-appellant minhabba zball ta’ identifikazzjoni. In effetti, x-xhieda Joseph Camilleri (il-kwerelant) u Joseph Galea, identifikaw lil Carmel Muscat bhala l-persuna li ghamel dak allegat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant kellu jigi misjub mhux hati u lliberat skond il-ligi;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jinghad illi mkien mill-provi ma rrizulta li l-kwerelant Joseph Camilleri kellu l-pussess u t-tgawdija kif qed jallega w ghalhekk, in mankanza ta’ tali element, l-imputazzjoni dedotta ma tistax tirrizulta bil-konsegwenza li l-appellant ghandu jigi ddikjarat mhux hati u lliberat skond il-ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-appellant jirrileva li s-sanzjoni nflitta mill-Ewwel Qorti hija eccessiva w dana kif jista' jigi muri waqt il-prosegwiment ta' dan l-appell.

Ikkunsidrat :

Irrizulta illi l-appellat Joseph Galea u Joseph Camilleri, Carmel Muscat, Paul Micallef u Paul d'Anastas ghandhom dritt li jtellghu ilma minn spira fil-limiti tal-Ghemieri, r-Rabat li kienet imqabbla ghand Joseph Camilleri, li allega illi dawn ghalqu l-access ghall-ilma b'tali mod li gie negat lilu l-uzu ta' l-istess spira.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru 2009 sabet lill-appellant wahdu hati tal-akkuzi u kkundannatu ghal hlas ta' mitt Ewro. Ghalhekk dan l-appell jikkoncerna biss lill-appellant Carmel Galea.

Peress illi x-xhieda ma kienitx traskritta fl-ewwel stadju din il-Qorti kellha tisma` x-xiehda kollha w irrizulta illi kien Carmel Muscat illi imblokka l-ispira w mhux Carmel Galea. Fil-fatt, Joseph Galea xehed illi huwa kien fl-ispira w identifika lil Carmel Muscat illi ghamel dik il-hsara w rah jaghmel il-blata. Qal car u tond illi fis-sentenza kien fiha zball u flok Carmel Muscat tnizzel l-isem Carmel Galea. Hadd mix-xhieda l-ohra li taw id-deposizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti ma identifikaw lill-appellant Carmel Galea bhala l-persuna illi effettivament inblokka l-ispira.

Dawn il-provi gieghlu lid-difiza jargumentaw illi fil-fatt l-appellant Carmel Galea ma' ghamel xejn u ma kienx hemm prova materjali x'jigi addebitat fil-konfront tieghu. Dina kienet kwistjoni civili, biex determinata quddiem il-Qorti Civili u mhux quddiem il-Qorti Kriminali. Terga, fl-akkuza ma kienx hemm data stabbilita illi huwa element importanti ghar-reat.

Ikkunsidrat :

Wara li l-Qorti fliet l-atti ta' dan il-process u semghet ix-xiehda jidrilha illi l-appellant ghandu ragun. Jista' jkun illi

l-Ewwel Qorti hadet zball u flok Carmel Muscat kitbet Carmel Galea.  Il-provi kollha jindikaw illi kien Carmel Muscat illi ghamel l-imblokk u nnega lill-ohrajn milli jiehdu l-ilma w l-istess kwerelant Joseph Camilleri kien xehed quddiem din il-Qorti illi lil Carmel Galea ma rah jaghmel xejn izda kien kelmu wara li nduna li l-ispira kienet imblokkata.

Peress li dan l-appell qieghed ibbazat fuq identifikazzjoni, mhux il-kaz illi l-Qorti toqghod tidhol fl-elementi ta' ragion fattasi, illi jirrikjedu l-ewwel u qabel kollox l-identifikazzjoni tal-persuna illi allegatament wettaq ir-reat.

Ghalhekk ghal din ir-raguni l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------